MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 984/2005

**Joe Mallia Bonello**

**vs**

**Zahra Limited (C8010)**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Joe Mallia Bonello, li permezz taghha, wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' konvenuta hija debitrici a favur tal-attur fis-somma ta' tnax-il elf tmien mija u tmenin lira u tlieta u disghin centezmu (Lm12,880.93) rapprezentanti bilanc minn somma akbar li ghadha dovuta in konnessjoni ma' drittijiet u spejjez ta' materjal ta' bini rigwardanti il-kostruzzjoni ta' proprjeta' gewwa Ta' Giorni kif jirrizulta mill-anness prospett immarkat Dok. A;

Is-socjeta konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi biex issalda dan id-debitu, hija baqghet tirrifjuta li thallas l-istess.

Talbet is-socjeta' konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' Lm12,880.93 rapprezentanti bilanc minn somma akbar li ghadha dovuta minnha rigwardanti drittijiet u spejjez ta' materjal ta' bini in konnessjoni ma' kostruzzjoni ta' binja gewwa Ta' Giorni debitament ezegwita mill-attur fuq inkarigu tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju datat 6 ta' Ottubru 2005 u bl-interessi legali kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa qed tigi ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, li in forza taghha eccepiet illi:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi ma hemm ebda debitu dovut lill-attur u dan kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat l-affidavit prodotti.

Semghet ix-xhieda viva voce.

Rat id-dokumenti pprezentati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat is-sottomissjonijiet imressqa mill-attur.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Jirrizulta ill il-partijiet f'din il-kawza kellhom bejniethom relazzjoni kummercjali fejn is-socjeta' konvenuta tinkariga lill-attur jesegwixxi xoghlijiet ghaliha, filwaqt li hija tfornih b'materjal biex jintuza' f'xoghlijiet ohra tieghu. Perjodikament kienu jsiru l-kontijiet u l-hlasijiet relattivi skont il-kaz. Il-vertenza odjerna hija essenzjalment divergenza fuq il-konteggi finali.

Ghandu jigi enfasizzat mill-ewwel illi huwa principju stabbilit illi l-piz tal-prova tal-allegat jaqa' fuq min fil-fatt jaghmel it-talba. Fin-nuqqas kull talba tieghu tigi michuda. Jekk imbaghad jigi eccepit hlas, ghandha tingieb ukoll prova ta' dan.

L-attur ressaq biss bhala prova affidavit tieghu stess fejn sostna hekk:

"*Illi jiena wasalt ghall-ammont li qed jigi mitlub f'dina l-kawza skont konteggi li ghamilli certu Ray Zammit li huwa l-persuna nkarigata minni biex jahdimli x-xoghlijiet ta' karti u kontijiet.*

*Illi l-konteggi maghmula kienu nhadmu kemm fuq il-kejl mahdum minni personalment u kif ukoll fuq dawk maghmula mill-Perit Xuereb inkarigat fuq dan il-progett. Illi ghalkemm hemm differenzi fiz-zewg kejliet mahduma, dawn huma ta' entita' zghira u insinifikanti, pero' jiena hdimt il-konteggi tieghi fuq il-kejl li hrigt jierna bih personalment.*"

Il-Qorti tinnota li l-uniku dokument prodott mill-attur huwa statement generiku li jsostni l-bilanc li qed jitlob l-attur minghajr ebda dettal dwar kif fil-fatt huwa wasal ghal dik ic-cifra.

Min-naha taghha, is-socjeta' konvenuta ressqet bhala xhud lil Hank Catania, works manager taghha li spjega dettaljatament il-pagamenti kollha li saru mis-socjeta'

konvenuta ghal xoghol esegwit mill-attur. Huwa pprezenta ukoll l-invoices kollha mahruga mis-socjeta' intimata relatati mal-materjal minnha fornit lill-attur. Dawn wasslu ghall-konkluzjoni li l-ammont li ghadu dovut lill-attur huwa ta' Lm360.83. Dan kollu gie konfermat minn Joe Zahra, direttur tas-socjeta' konvenuta. L-attur, ghalkemm jikkontesta l-istess konteggi, ma ressaq ebda dokument biex jikkontestahom.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-attur ma rnexxilux jipprova li tassew ghandu jithallas l-ammont li qieghed jippretendi. Jirrizulta lill-Qorti li l-ammont li ghadu dovut huwa biss dak ta' Lm360.83 kif gie pruvat ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti mis-socjeta' konvenuta.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur limitatament ghall-ammont ta' tmien mija u erbghin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€840.51) ekwivalenti ghal tlett mija u sittin lira u tlieta u tmenin centezmu (Lm360.83).

L-ispejjez tal-kawza jithallsu in kwantu ghal tliet kwarti minn Joe Mallia Bonello u kwart minn Zahra Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------